**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 6 ta' Gunju, 2002

**Numru 25**

**Avviz numru 361/02JR**

**Cutajar Limited**

**vs**

**Anthony Zammit**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fil-15 ta' Frar, 2002, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u tnax-il lira Maltija u sitta u tmenin centezmu (Lm412.86), dovut ghall-merkanzija mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenut.**

**Bl-ispejjez tal-prezenti, ta' l-ittra nterpellatorja tat-12 ta' Novembru, 2002, u bl-imghax legali mit-13 ta' Jannar, 2000 sal-**

effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-26 ta' Marzu, 2002, fejn intqal illi l-ammont pretiz fl-avviz f'din il-kawza mhux dovut fil-fatt u fid-dritt u dan sew ghax l-oggetti kkunsenjati thallsu u l-ammont moghti lura ghall-oggetti ritornati, u ghalhekk dan l-ammont mhux dovut;
Salv eccezzjonijiet ohra.

Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata fl-24 ta' Mejju, 2002, li biha s-sorte gie ridott ghall-mitejn u sitt liri Maltin (Lm206.00) stante pagament akkont fil-mori tal-kawza.

Semgha x-xhieda ta' Anthony Zammit, Josette Curmi u Patrick Gatt. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta` attrici qed tfittex lill-konvenut ghall-ammont ta' zewg dehumidifiers lilu mibjugha. Fil-kors tal-kawza saret nota ta' riduzzjoni peress li kien sar pagament fuq wiehed mid-dehumidifiers.
2. Il-konvenut qed jghid li tassew li xtara zewg dehumidifiers minghand is-socjeta` attrici. Dana jirrizulta wkoll mill-invoices esebiti. Pero` il-

**konvenut isostni li kien irritorna wiehed mid-dehumidifiers, filwaqt li l-iehor bieghu lil certa Josette Curmi.**

3. **L-istess Josette Curmi ikkonfermat li kienet xtrat id-dehumidifier minghand il-konvenut. F'dan il-kuntest jigi rilevat li Curmi kienet xtrat lampshades minghand il-konvenut, kienet rritornathom u minflokhom hadet id-dehumidifier. Kienet harget cekk fl-ammont ta' mitejn lira (Lm206.00) f'isem Cutajar Ltd. liema cekk baqa' ma ssarrafx. M'hemmx dubbju dwar dan ic-cekk.**
4. **Il-problema tirrigwarda id-dehumidifier li l-konvenut qed jghid li rritorna lis-socjeta` attrici. Fir-rigward is-socjeta` attrici qed tghid li kieku gara hekk kienet tohrog credit note. Ma jirrizultax li fil-fatt harget "credit note". Lanqas ma jirrizulta li l-konvenut ghandu xi document, bhala ricevuta, biex juri li l-oggett kien effettivament gie ritornat lis-socjeta` attrici.**
5. **It-Tribunal jirrileva li minn qed jallega irid jipprova. Ma hemmx dubbju li filwaqt li s-socjeta` attrici gabet provi in sostenn tat-talba taghha, il-konvenut me kellu xejn x'juri dwar dak li qed jallega. Fic-cirkostanzi ma jistax tigi akkolta t-tezi tal-konvenut.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mitejn u sitt liri Maltin, u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma msemmija ta' mitejn u sitt liri Maltin (Lm206.00), bl-imghaxijiet legali li ghandhom jibdew jiddekkorru mill-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**